Nru. 18,095
Prezz/Price
Lm1.44 (€3.35)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 3 ta' Lulju, 2007
Tuesday, 3rd July, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 611

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 99 imsejjaħ "Att ta' l-2007 li jemenda Diversi Liġijiet dwar Servizzi Finanzjarji".

It-3 ta' Lulju, 2007

Nru. 612

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,094 tat-28 ta' Ġunju, 2007.

A.L. Nru. 167 ta' l-2007: *Wine Act (Cap. 436); IĠT Wines Production Protocols Regulations, 2007*.

A.L. Nru. 168 ta' l-2007: Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 117); Regolamenti ta' l-2007 dwar Bord għar-Riżoluzzjoni ta' Kontroversji.

A.L. Nru. 169 ta' l-2007: Att ta' l-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Att Nru. VI ta' l-2006); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 170 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Regolamenti ta' l-2007 dwar Tabelli għal Valutazzjoni ta' Indeboliment.

It-3 ta' Lulju, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 611

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 99 entitled "The Various Financial Services Laws (Amendment) Act, 2007".

3rd July, 2007

No. 612

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,094 of the 28th June, 2007.

L.N. No. 167 of 2007: Wine Act (Cap. 436); IĠT Wines Production Protocols Regulations, 2007.

L.N. No. 168 of 2007: Agricultural and Fishing Industries (Financial Assistance) Act (Cap. 146); Dispute Resolution Board Regulations, 2007.

L.N. No. 169 of 2007: Social Security (Amendment) Act, 2006 (Act No. VI of 2006); Notice of coming into force.

L.N. No. 170 of 2007: Social Security Act (Cap. 318); Impairment Tables Regulations, 2007.

3rd July, 2007

Nru. 613

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ħamis, it-28 ta' Ġunju, 2007 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 603 tas-27 ta' Ġunju, 2007, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-28 ta' Ġunju, 2007
(OPM 31/2007/II)

No. 613

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Thursday, 28th June, 2007 and that the arrangements made by Government Notice No. 603 of the 27th June, 2007, ceased to have effect accordingly.

28th June, 2007

Nru. 614

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lill-uffiċjali pubbliċi msemmija hawn taħt fil-kariga ta' Direttur, kif jidher hawn taħt:

No. 614

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentiond public officers to the position of Director, as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU *OFFICE OF THE PRIME MINISTER*		
Mr Charles Polidano, B.A. (Hons.) Pub. Admin., M.P.A. (Dalhousie)	Direttur (Żvilupp ta' *Policy)* *Director (Policy Development)*	14.05.2007
MINISTERU TAL-FINANZI *MINISTRY OF FINANCE*		
Taqsima tas-*Support Services* *Support Services Division*		
Ms Audrey-Anne Callus Randich B.A.(Hons), M.B.A.(Exec.)	Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Programme Implementation)*	28.5.2007
Taqsima għall-Politika u Amministrazzjoni Finanzjarja *Financial Policy and Management Division*		
Mr Iman Schembri, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.A. (Financial Services)	Direttur (Politika dwar Tassazzjoni, Pagi u Servizzi Soċjali) *Director (Tax, Pay and Social Welfare Policy)*	14.5.2007

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN
MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Mr Joseph St John, B.A. (Hons.)	Direttur (Żvilupp ta' *Policy)* *Director (Policy Development)*	14.5.2007

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA
MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Taqsima għas-Servizzi
Services Division

Mr Martin Grech, B. Elect. Eng. (Hons.)	Direttur (Manifattura u Servizzi) *Director (Manufacturing and Services)*	14.5.2007

It-3 ta' Lulju, 2007

Nru. 615

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għall-perjodu ta' sentejn, b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2007, ta' l-Avv. Dott. Noel Bartolo, LL.D.

Is-27 ta' Ġunju, 2007
(MJ/5/88/II)
(OPM/141/81)

3rd July, 2007

No. 615

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister approved the appointment as Commissioner for Justice, for a period of 2 years with effect from 1st July 2007, of Adv. Dr Noel Bartolo, LL.D.

27th June, 2007

Nru. 616

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	01–05.07.2007

It-3 ta' Lulju, 2007

No. 616

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

3rd July, 2007

Nru. 617

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali, b'konsultazzjoni mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, approva illi l-persuna msemmija hawn taħt sabiex tkun nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Marsaxlokk	John Restall

Is-26 ta' Ġunju, 2007

No. 617

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council, after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs, has approved that the following person be re-appointed Executive Secretary of that Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
Marsaxlokk	John Restall

26th June, 2007

Nru. 618

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar l-Erbgħa, il-25 ta' Lulju 2007, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Corinthia Event Catering.

It-3 ta' Lulju, 2007

No. 618

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Wednesday, 25th July 2007, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Corinthia Event Catering.

3rd July, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 61

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Kerċem - Għawdex

Nhar l-Erbgħa, l-4 ta' Lulju 2007 mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Orivieto.

Nhar il-Ħamis, il-5 ta' Lulju 2007 mit-8.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: l-Avukat A. Calleja, Pjazza San Girgor u Pjazza S. Busuttil.

POLICE NOTICE

No. 61

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Kerċem - Gozo

On Wednesday, 4th July 2007 from 7.00 p.m. onwards through Pjazza Orivieto.

On Thursday, 5th July 2007 from 8.00 p.m. onwards through the following streets: l-Avukat A. Calleja, Pjazza San Girgor and Pjazza S. Busuttil.

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju 2007 mit-8.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Għajn Tuta, Pejpu, Pjazza Orivieto, Sarġ, San Pietru u San Pawl, San Girgor u Ġużeppi Briffa.

Nhar is-Sibt, is-7 ta' Lulju 2007 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Orivieto, l-Avukat A. Calleja, Sarġ, il-Kalandrijiet, Pjazza San Girgor, Ġużè Flores, Kerċem, Xuxa u Pjazza Salvatore Busuttil.

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju 2007 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza S. Buzuttil, l-Avukat A. Calleja, San Pietru u San Pawl, il-Bies, il-Kalandrijiet, Pjazza tal-Knisja, Pjazza Orivieto, Pjazza San Girgor, San Pietru Pawl, Pjazza S. Busuttil, G. Briffa, Madre Margerita Debrincat, Sarġ u Kerċem.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-3 ta' Lulju, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 35 ta' l-2007

Ħruq ta' Murtali minn Bighi u Daħlet il-Kalkara – il-Port il-Kbir

Se jinħarqu murtali mill-inħawi tal-Ponta ta' Bighi u l-Ponta ta' l-Isptar (Ponot B u Ċ murija fuq iċ-*chart*) fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn taħt:

L-Erbgħa, l-4 ta' Lulju 2007 bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m.
Il-Ħamis, il-5 ta' Lulju 2007 bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m.
Il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju 2007 bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m.
Is-Sibt, is-7 ta' Lulju 2007 bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m.
Il-Ħadd, it-8 ta' Lulju 2007 bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m.

Fid-Daħla tal-Kalkara, fl-inħawi magħrufa bħala "Tax-Xewkija" fid-data u l-ħinijiet li ġejjin:

Il-Ħamis, il-5 ta' Lulju 2007 bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m.
Is-Sibt, is-7 ta' Lulju 2007 bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m.
Il-Ħadd, it-8 ta' Lulju 2007 bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m.

Sidien ta' dgħajjes li għandhom id-dgħajsa tagħhom

On Friday, 6th July 2007 from 8.00 p.m. onwards through the following streets: Għajn Tuta, Pejpu, Pjazza Orivieto, Sarġ, San Pietru u San Pawl, San Girgor and Ġużeppi Briffa.

On Saturday, 7th July 2007 from 8.00 a.m. onwards through the following streets: Pjazza Orivieto, l-Avukat A. Calleja, Sarġ, il-Kalandrijiet, Pjazza San Girgor, Ġużè Flores, Kerċem, Xuxa and Pjazza Salvatore Busuttil.

On Sunday, 8th July 2007 from 10.00 a.m. onwards through the following streets: Pjazza S. Buzuttil, l-Avukat A. Calleja, San Pietru u San Pawl, il-Bies, il-Kalandrijiet, Pjazza tal-Knisja, Pjazza Orivieto, Pjazza San Girgor, San Pietru Pawl, Pjazza S. Busuttil, G. Briffa, Madre Margerita Debrincat, Sarġ and Kerċem.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

3rd July, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 35 of 2007

Fireworks Display from Bighi and in Kalkara Creek - Grand Harbour

Fireworks will be let off from Bighi Point and Hospital Point at Bighi area (Points B and C shown on chart) on the dates and times which are as follows:

Wednesday, 4th July 2007 between 8.00 p.m. and 11.00 p.m.
Thursday, 5th July 2007 between 8.00 p.m. and 11.00 p.m.
Friday, 6th July 2007 between 8.00 p.m. and 11.00 p.m.
Saturday, 7th July 2007 between 8.00 p.m. and 11.00 p.m.
Sunday, 8th July 2007 between 8.00 p.m. and 11.00 p.m.

In Kalkara Creek from the area known as "Tax-Xewkija" on the dates and times as follows:

Thursday, 5th July 2007 between 5.00 p.m. and 11.00 p.m.
Saturday, 7th July 2007 between 5.00 p.m. and 11.00 p.m.
Sunday, 8th July 2007 between 5.00 p.m. and 11.00 p.m.

Owners of boats that have their boat moored in Kalkara

irmiġġata fid-Daħla tal-Kalkara f'raġġ ta' 150 metru mill-Punt A, għandhom ineħħuha.

Minħabba dan ta' hawn fuq, ngħarrfu lill-baħħara biex iżommu mitejn metru 'l bogħod mill-Ponta ta' Bighi u mill-Ponta ta' l-Isptar u mija u ħamsin metru 'l bogħod mill-inħawi magħrufa bħala Tax-Xewkija fid-Daħla tal-Kalkara fid-dati u l-ħinijiet indikati għall-ħruq tal-murtali.

Il-baħħara għandhom jobdu d-direttivi maħruġa mis-Servizzi tat-Traffiku tal-Bastimenti (VTS), u mill-Pulizija fl-inħawi.

Chart affettwata: BA 177

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq l-indirizz:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

It-3 ta' Lulju, 2007

Creek within 150 meters off point A, are to remove their boats.

In view of the above, mariners are informed to give a wide berth of 200 meters from Bighi Point and Hospital point and a wide berth of 150 meters from the area known as Tax-Xewkija in Kalkara Creek on the above mentioned dates and times of the displays.

Mariners are to obey directives issued by the Vessel Traffic Services (VTS), and by Police in the area.

Chart affected: BA 177.

Part of Chart may be viewed at the Malta Maritime Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

3rd July, 2007

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi minħabba ffilmjar sas-6.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, ma jitħalla jsir ebda pparkjar fuq naħa waħda ta' Triq il-Merkanti minn kantuniera ma' Triq l-Arċisqof sa kantuniera ma' Triq Feliċ.

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi Dawret il-Qawra se tkun magħluqa għat-traffiku minn kantuniera ma' Triq il-Klamari sa kantuniera ma' Triq Lascaris bejn nofsinhar tal-Ħamis, il-5 ta' Lulju sa nofsinhar tat-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2007. Minħabba dan, it-trasport pubbliku u traffiku ta' vetturi mill-Qawra lejn Misraħ il-Bajja se jiġu mdawra għal Triq l-Arzell, Triq it-Tamar, Triq il-Maskli, Triq il-Fliegu u Triq il-Merluzz. Trasport pubbliku mill-Venda fi Triq it-Turisti fid-direzzjoni lejn il-Belt Valletta mhux se jkun effettwat. It-traffiku ta' vetturi minn Dawret il-Gżejjer lejn il-Qawra se jiġi mdawwar għal Triq il-Klamari, Triq Għawdex u Triq Dolmen.

Ma jitħalla jsir ebda pparkjar fuq iż-żewġ naħat ta' Dawret il-Qawra minn kantuniera ma' Triq il-Klamari sa kantuniera ma' Triq Lascaris bejn nofsinhar tal-Ħamis, il-5 ta' Lulju u nofsinhar tat-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2007.

Ma jitħalla jsir ebda pparkjar fuq naħa waħda ta' Triq Arzell bejn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju u s-1.00 p.m. tat-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2007.

Ma jitħalla jsir ebda pparkjar fuq naħa waħda ta' Triq it-Tamar minn kantuniera ma' Triq Arzell u kantuniera ma' Triq il-Maskli bejn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju u s-1.00 p.m. tat-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2007.

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that due to filming in Valletta, up to 6.00 p.m. of Friday, 6th July, 2007, no parking will be permitted on one side of Triq il-Merkanti from corner with Triq l-Arċisqof up to corner with Triq Feliċ.

The Malta Transport Authority notifies that Dawret il-Qawra will be closed to vehicular traffic from corner with Triq il-Klamari up to corner with Triq Lascaris between noon of Thursday, 5th July and noon of Monday, 9th July, 2007. To this end, public transport and vehicular traffic from Qawra towards Misraħ il-Bajja will be diverted to Triq l-Arzell, Triq it-Tamar, Triq il-Maskli, Triq il-Fliegu and Triq il-Merluzz. Public Transport from the Bus Terminus in Triq it-Turisti in the direction towards Valletta will not be affected. Vehicular traffic from Dawret il-Gżejjer towards Qawra will be diverted to Triq il-Klamari, Triq Għawdex and Triq Dolmen.

On street parking will not be permitted along both sides of Dawret il-Qawra from corner with Triq il-Klamari up to corner with Triq Lascaris between noon of Thursday, 5th July and noon of Monday, 9th July, 2007.

On street parking will not be permitted along one side of Triq Arzell between noon of Friday, 6th July and 1.00 p.m. of Monday, 9th July, 2007.

On street parking will not be permitted along one side of Triq it-Tamar from corner with Triq Arzell and corner with Triq il-Maskli between noon of Friday, 6th July and 1.00 p.m. of Monday, 9th July, 2007.

Ma jitħalla jsir ebda pparkjar fuq naħa waħda ta' Triq il-Maskli minn kantuniera ma' Triq it-Tamar sa kantuniera ma' Triq it-Turisti minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju u s-1.00 p.m. tat-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2007.

Ma jitħalla jsir ebda pparkjar matul Triq Dolmen minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju u s-1.00 p.m. tat-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2007.

L-ewwel tliet postijiet ta' parkeġġ fi Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq il-Merluzz se jitneħħew minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju u s-1.00 p.m. tat-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2007.

It-3 ta' Lulju, 2007

On street parking will not be permitted along one side of Triq il-Maskli from corner with Triq it-Tamar up to corner with Triq it-Turisti from noon of Friday, 6th July up to 1.00 p.m. of Monday, 9th July, 2007.

On street parking will not be permitted along Triq Dolmen from noon of Friday, 6th July up to 1.00 p.m. of Monday 9th July, 2007.

The first 3 parking bays along Triq it-Turisti corner with Triq il-Merluzz will be removed from noon of Friday, 6th July up to 1.00 p.m. of Monday, 9th July, 2007.

3rd July, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier *Junior*/Inġinier (Mekkaniku) fid-Diviżjoni għall-Kummerċ tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier *Junior*/Inġinier (Mekkaniku) fid-Diviżjoni għall-Kummerċ tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

2.1 Il-post ta' Inġinier Mekkaniku għandu salarju ta' Lm6,135 (€14,290.71) fis-sena, li jitla' b'żidiet ta' Lm192 (€447.24) fis-sena sa massimu ta' Lm7,287 (€16,974.14) (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala ta' Salarju 9 titla' għal Skala ta' Salarju 8 (Lm6,526 (€15201.49) fis-sena li jitla' b'żidiet ta' Lm209 (€486.84) fis-sena sa massimu ta' Lm7,780 (€18,122.53)) wara sentejn servizz fil-grad u għal Skala ta' Salarju 7 (Lm6,948 (€16,184.49) fis-sena li jitla' b'żidiet ta' Lm228 (€531.10) fis-sena sa massimu ta' Lm8,316 (€19,371.07)) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata, jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant*. Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala ta' Salarju 8 għal Skala ta' Salarju 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' persuna li jkollha kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

2.3 Il-persuna maħtura tkun ukoll intitolata għal bonus ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju bażiku tagħha, fuq bażi tal-livell ta' riżultati pożittivi fil-qadi ta' dmirijietha.

2.4 Il-persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra, u soġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra li jiġu stabbiliti bejn il-Gvern Malti u l-Union kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Engineer/Engineer (Mechanical) in the Commerce Division of the Ministry for Competitiveness and Communications

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Engineer/Engineer (Mechanical) in the Commerce Division of the Ministry for Competitiveness and Communications.

2.1 The post of Engineer carries a salary of Lm6,135 (€14,290.71) per annum rising by annual increments of Lm192 (€447.24) up to a maximum of Lm7,287 (€16,974.14) (Salary Scale 9).

2.2 Subject to satisfactory performance, an Engineer in Salary Scale 9 will proceed to Salary Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49) per annum rising by annual increments of Lm209 (€486.84) up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.53)) on completion of two years service in the grade, and to Salary Scale 7 (Lm6,948 (€16,184.49) per annum rising by annual increments of Lm228 (€531.10) up to a maximum of Lm8,316 (€19,371.07)) on completion of ten years of proven professional practice, or eight years practice after obtaining warrant, provided that the qualifying period for progression from Salary Scale 8 to Salary Scale 7 is reduced by two years in the case of an Engineer who is in possession of an approved postgraduate qualification.

2.3 The appointee will also be entitled to a bonus of up to a maximum of 15% of the basic salary, subject to the level of positive performance.

2.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the

ġenerali, kif ukoll fid-Diviżjoni għall-Kummerċ b'mod partikolari. Il-persuni nominati jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-eżiġenzi tas-servizz.

5.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Inġinier Mekkaniku jinkludu:

a) tmexxi tas-Sezzjoni ta' l-Importazzjoni u Esportazzjoni permezz ta' kontroll u direzzjoni ta' l-istaff li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha;

b) tassumi rwol ewlieni fl-ipproċessar tal-liċenzi ta' l-Importazzjoni u ta' l-Esportazzjoni billi tipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' l-għotja jew rifjut ta' l-istess liċenzi, partikolarment fejn tidħol l-awtorizzazzjoni ta' tagħmir militari jew oġġetti b'użu doppju (Dual-use goods);

ċ) ko-ordinazzjoni ma' dipartiment jew entitajiet oħra governattivi sabiex jiġi żgurat rispons fil-pront rigward l-ipproċessar ta' awtorizzazzjoni ta' liċenzi ta' l-Importazzjoni u ta' l-Esportazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-kontrolli meħtieġa tal-fruntieri;

d) tassigura li l-proċeduri adottati fl-għoti ta' liċenzi ta' l-Importazzjoni u ta' l-Esportazzjoni jkunu konformi mal-liġijiet tal-Komunità Ewropea;

e) tagħti pariri, skond il-ħtieġa, lid-Direttur tas-Servizzi għall-Kummerċ fuq materji ta' natura teknika, u li żżommu aġġornat fuq il-progress tax-xogħol tas-Sezzjoni li tieħu ħsieb il-ħruġ ta' liċenzi ta' Importazzjoni u ta' Esportazzjoni;

f) aġġornament ma' dawk id-direttivi u regolamenti rilevanti, li joħorġu minn żmien għal żmien mill-Unjoni Ewropea, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ ta' liċenzi ta' l-Importazzjoni u ta' l-Esportazzjoni, u preparazzjoni ta' dawk it-tibdiliet neċessarji li jkunu meħtieġa sabiex ikunu għal kollox konformi mal-liġijiet ta' l-Unjoni;

g) preparazzjoni ta' abbozzi ta' emendi dwar miżuri leġislattivi, fejn u meta dan ikun meħtieġ, sabiex jinżammu aġġornati r-Regolamenti kurrenti;

h) parteċipazzjoni b'mod attiv f'laqgħat relatati mas-suġġett tal-Liċenzi ta' Importazzjoni u ta' Esportazzjoni, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

i) preparazzjoni fil-ħin ta' rapporti ta' kull xahar u oħrajn ta' kull sena, kif ukoll *business plans* u *budgetary reports*

Malta Public Service in general and the Commerce Division in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

(a) it is carried out strictly outside his/ her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the Malta Public Service

5.1 The duties of Engineer (Mechanical) include:

a) managing the Import – Export Licensing Unit by supervising and providing direction to the staff under his/ her charge;

b) taking a leading role in the processing of import and export licences by participating in the decision-making regarding the granting or refusal of such licences, with particular reference to the export authorisations of dual-use items and military equipment;

c) coordinating with other Government Departments and Entities in order to ensure the prompt provision of relevant feedback regarding the processing of import and export authorisations, and to ensure effective implementation of the necessary border controls;

d) ensuring that procedures adopted in the issue of import and export licensing are in conformity with Community law;

e) providing advice, as necessary, to the Director Trade Services on matters of a technical nature, and keeping him regularly informed on the progress of work of the Import-Export Licensing Unit;

f) maintaining currency with the relevant EU directives and regulations relating to the import-export licensing regime, and adopting the necessary changes as required to ensure full compliance;

g) preparing draft legislative measures whenever necessary in order to maintain the current regulations up to date;

h) participating actively in meetings both locally and abroad on matters related to import and export licensing;

i) preparing timely monthly and annual reports and business plans, and compiling budgetary and IT requirements

dwar il-ħtiġiet tas-Sezzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' finanzi u Informatika sabiex jiġi żgurat li jingħata servizz effiċjenti u pront.

5.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet li huma konnessi ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mingħand id-Direttur tas-Servizzi għall-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

6. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) il-konjugi u t-tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

ċ) ikollhom lawrja rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, fl-Inġinerija Mekkanika jew ikunu ġew approvati għall-għoti ta' din il-lawrja/kwalifika;

d) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier Mekkaniku f'Malta;

e) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma Uffiċjali Pubbliċi għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*; dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

7.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand dawk l-individwi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6(a), (b), (ċ) u (e) hawn fuq, iżda li għad

for the Unit to ensure the effective delivery of services.

5.2 Further details relative to the description of the post may be obtained from the Director Trade Services, Commerce Division, Lascaris, Valletta.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be: -

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a) (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (a) (ii), (iii), and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) in possession of a recognized degree, or a recognized appropriate, comparable qualification, in Mechanical Engineering or have been approved for the award of that degree/qualification;

(d) in possession of a warrant to practice as a Mechanical Engineer in Malta;

(e) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

7.1 Applications will also be received from persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 6(a), (b), (c) and (e) but have not yet received the warrant to practise

m'għandhomx il-warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier Mekkaniku. Persuna li tiġi magħżula taħt din il-klawsola tieħu l-ħatra ta' Junior Engineer (Mekkaniku) u tirċievi salarju ta' Lm5,782 (€13,468.44) x Lm175 (€407.64) - Lm6,832 (€15,914.28) (Skala ta' Salarju 10).

7.2 Hekk kif iġġib il-*warrant*, u sakemm taqdi dmirijietha b'mod sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' *Junior Engineer* tkun eliġibbli għal promozzjoni fil-grad ta' Inġinier fuq Skala ta' Salarju kif imsemmi f'paragrafu 2.1.

8.1 Persuni (KNPD) irreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità jistgħu jgawdu minn bdil raġjonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

as Mechanical Engineer in Malta. A candidate selected under this subsection will be appointed Junior Engineer (Mechanical) with a salary of Lm5,782 (€13,468.44) x Lm175 (€407.64) - Lm6,832 (€15,914.28) (Salary Scale 10).

7.2 On obtaining the said warrant and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a Salary Scale as shown in paragraph 2.1.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

10.3 Tiġi ppubblikata notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond sezzjoni 1.1.10. tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' curriculum vitae li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Central European Time) tal-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Central European Time) tal-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2123 1919.

15. a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sa l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, fi żmien sebat (7) ijiem.

10.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Commerce Division, Lascaris, Valletta.

10.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/ she is fit for the post.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Director General, Commerce Division, Lascaris, Valletta

13. Applications together with a Curriculum Vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Commerce Division, Lascaris, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 27th July 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 27th July 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Commerce Division, Lascaris, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2123 1919.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Commerce Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Commerce Division within seven (7) days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Scientific Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Scientific Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1 Is-salarju ta' *Scientific Officer* huwa ta' Lm5,782 (€13,468.44) fis-sena, li jiżdied b'Lm175 (€407.64) fis-sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28) (Skala ta' Salarju 10).

2.2 Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* titla' fi Skala 9 (Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) – Lm7,287 (€16,974.14)) wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Scientific Officer* fi Skala 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53)) wara għaxar snin servizz fil-grad ta' *Scientific Officer* jew tmien snin jekk ikollha xi kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni xierqa u rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Senior Scientific Officer* titla' fi Skala 7 (Lm6,948 – (€16,184.49) x Lm228 (€531.10)) – Lm8,316 (€19,371.07) wara sentejn servizz fil-grad ta' *Senior Scientific Officer,* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* jinkludu:

(a) l-ippjanar ta' l-iżvilupp kif ukoll li tara li jiġu implimentati programmi ta' riċerka f'diversi oqsma speċjalizzati;

(b) parteċipazzjoni fit-tmexxija tar-riċerka u żvilupp tal-faċilitajiet tal-Ministeru;

(ċ) l-iżvilupp u l-immaniġjar b'konsultazzjoni mal-persuni responsabbli ta' programmi ta' riċerka u inizjattivi ta' żvilupp, speċjalment fi studji ta' riċerka;

(d) parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' pariri li għandhom x'jaqsmu ma' tmexxija ta' indikaturi fir-riċerka u żvilupp u ħidma fi studji ta' riċerka;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Scientific Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the posts of Scientific Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1 The salary for the post of Scientific Officer is Lm5,782 (€13,468.44) per annum, rising by annual increments of Lm175 (€407.64) up to a maximum of Lm6,832 (€15,914.28) (Salary Scale 10).

2.2 A Scientific Officer will progress to Scale 9 (Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) – Lm7,287 (€16,974.14)) on completion of two years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 A Scientific Officer will be promoted to the grade of Senior Scientific Officer in Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53)) on completion of ten years service in the grade of Scientific Officer, or eight years if in possession of a recognised and appropriate postgraduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Scientific Officer will progress to Scale 7 (Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07)) on completion of two years service in the grade of Senior Scientific Officer, subject to satisfactory performance.

